# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Gimgha 21 ta' Jannar 2022

Mandat ta' Inibizzjoni Numru. **1912/2021 ISB**

Fl-atti tar-Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru **1912/2021ISB** fl-ismijiet:-

**Nazzareno Barbara** (KI 827254M)

vs

**(1)** **Giuseppi Barbara**, (ID 785247M) u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2022, l-kliem "Giuseppi Barbara" gew sostitwiti bil-kliem "Giuseppa sive Josephine Barbara".
**Benigno Barbara** (KI 303571M)
**Francois Barbara** (KI 151304M)
**Silvio Barbara** (KI 427487M)
**(2)** **Carmelina sive Charmaine Ricca** (KI 30975M)
**(3)** **Antoine Barbara** (KI 406790M)

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Nazzareno Barbara fit-23 ta' Dicembru 2021 minn fejn jirrizulta illi huwa qieghed jitlob il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, sabiex in kawtela tal-jeddijiet tieghu, izomm lill-intimati milli:

> *Jwaqqghu bini, jaghmlu xogholijiet strutturali jew b'xi mod iehor jgharrqu jew jinvadu kmamar, bitha, vaska, bir, passagg biswit l-istess kmamar, gorbog u partijiet tar-raba' jew b'xi mod iehor ixxekklu l-pussess u t-tgawdija tal-istess ambjenti kif ukoll milli jnehhu pannelli jew oggetti mobbli li jinsabu fl-ambjenti li jinsabu fil-pussess tal-esponenti u li jiffurmaw parti mir-raba' maghrufa bhala "Habel it-Twil" tal-kejl circa 8,198mk fl-inhawi ta' Fuq Ghar Dalam f'tax-Xerriek fil-limiti ta' Birzebbugia, liema art tidher immarkata fuq pjanta annessa u mmarkata DOK A.*

Rat id-digriet tat-23 ta' Dicembru 2021 fejn il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-Erbgha 5 ta' Jannar 2022, (liema seduta giet differita ghas-17 ta' Jannar 2022 minhabba indispozizzjoni tal-Qorti), u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti bi zmien ghar-risposta.

Rat l-atti kollha pprezentati, inkluz mir-risposta tal-intimati tat-3 ta' Jannar 2022 u d-dokumenti ppresentati miz-zewg partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat illi l-Mandat thalla ghal digriet kamerali, li qed jinghata llum.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti biex twaqqaf lill-intimati milli *jwaqqghu bini, jaghmlu xogholijiet strutturali jew b'xi mod iehor jgharrqu jew jinvadu kmamar, bitha, vaska, bir, passagg biswit l-istess kmamar, gorbog u partijiet tar-raba' jew b'xi mod iehor ixxekklu l-pussess u t-tgawdija tal-istess ambjenti kif ukoll milli jnehhu pannelli jew oggetti mobbli li jinsabu fl-ambjenti li jinsabu fil-pussess tal-esponenti u li jiffurmaw parti mir-raba' maghrufa bhala "Habel it-Twil" tal-kejl circa 8,198mk fl-inhawi ta' Fuq Ghar Dalam f'tax-Xerriek fil-limiti ta' Birzebbugia, liema art tidher immarkata fuq pjanta annessa u mmarkata DOK A.*

Illi dan qed jintalab peress illi r-rikorrenti jsostni illi ilu jahdem ir-raba de quo *uti dominus* ghal snin twal, wara zmien tinhadem minn missieru. Jispjega illi huh Spiridione, llum mejjet u li jigi r-ragel u missier tal-intimati, dahal jahdem l-ghalqa mieghu bil-kuntintezza tieghu, u ighid illi kien hemm spejjes illi saru fl-ghalqa u illi saru minnhom it-tnejn flimkien.

Jispjega illi qatt ma kien hemm problemi, izda meta huh gie nieqes, u partikolarment fl-ahhar zmien, bdew certi problem, partikolarment wara illi l-intimat Benigno Barbara wera x-xewqa illi jigu regolati l-affarijiet billi jsir trasferiment.

Jispjega illi irrizultalu illi fil-21 ta' April 2021, Benigno Barbara kien ittransuna dikjarazzjoni notarili sabiex jasserixxi jedd ta' proprjeta` fuq ir-raba` de quo.

Ir-rikorrent jghid illi l-intimati ntavolaw proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili – 1136/2021CFS li permezz taghha l-hemmek rikorrenti (hawnekk intimati) qed jitolbu illi r-rikorrent jigi ordnat johrog mir-raba' de quo. Jghid illi nonostante il-kawza, l-hawnekk intimati ma stennewx l-ezitu taghha u qabbdu u kkapparaw l-parti tar-raba' uzata sa dak il-hin mir-rikorrent. Huwa jghid illi kellu jipprezenta dan il-Mandat sabiex izomm lill-intimati milli jkompli jikkapparaw aktar raba' sa issa mahduma minnhu.

Illi l-intimati, minn naha taghhom, jilqghu ghal dan ir-rikors ghal hrug tal-Mandat principalment billi principalment ighidu, fost hafna dikjarazzjonijiet irrelevanti ghall-vertenza odjerna, illi t-talba tar-rikorrent ma ghandiex mis-sewwa u li r-rikorrent qatt ma kellu ebda jedd fuq l-art de quo, imma kien nghata permess b'mera tolleranza mill-itimati sabiex jonsob.

**Dritt:**

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skont l-**artikolu 873(2) tal-Kap 12**, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu soddisfatti zewg kriterji.

L-ewwel kirterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.

It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant.

Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-ligi, iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat bhal dak. Illi din hi procedura intiza biex titqies bhala wahda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh ta' kawza dwar l-istess jedd.

Ukoll, li l-Mandat ta' Inibizzjoni <u>huwa mezz procedurali eccezzjonali</u> u mhux normali ta' provvediment legali. L-istharrig li jrid isir mill-Qorti f'talba bhal din huwa dak, jekk minghajr il-hrug tal-mandat, <u>il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli</u>.

B'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd 'Prima facie'**

Il-Qorti tqis illi filwaqt illi r-rikorrent issostni illi huwa ilu jahdem l-ghalqa flimkien ma' huh, missier/mart l-intimati, ghal snin twal, huwa ma ressaq ebda prova, mqarr fuq livell *prima facie*, ta' dan. Tqis illi ghalkemm ir-rikorrent ighid illi b'mod informali, hu u huh kienu qasmu l-art de quo u kulhadd kien jaf liema parti ghandu juza, ghal darb'ohra, naqas milli jipprova dan mqarr fuq livell *prima facie*.

Il-Qorti tinnoata illi jekk hemm prova illi tirrizulta, mqarr fuq livell prima facie, f'dawn il-proceduri, dik hija illi l-art de quo ilha registrata mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fuq isem missier/mart l-intimati, Spiru Barabra, sa mis-sena 1973 (vide doc a fol 44). In atti tinsab anke stqarrija guramentata ta' Antoine Barbara (fol 52), ta' Francois Barbara (fol 67) u ta' Giuseppa Barbara (fol 78) li jikkonfermaw dan u li b'ebda mod ma gew kontradetti.

Il-Qorti ghalhekk, filwaqt illi taghmel referenza ghad-dikjarazzjoni guramentata (ir-rikors) tar-rikorrent fejn ighid illi huwa "*ilu jahdem ir-raba' de quo uti dominus ghal snin twal*", ikollha tghid illi ma ssib ebda prova, mqarr fuq livell *prima facie*, ta' dak li jsostni r-rikorrent. Bl-ittra ufficjali tieghu tat-23 ta' Gunju 2021, ir-rikorrent ighid illi wara l-mewt ta' missieru Consiglio, kien beda jahdem ir-raba' hu u li missier/zewg l-intimati, Spiridione, kien jidhol biss bi pjacir tieghu, izda b'daqsekk il-Qorti mhix konvinta, mqarr fuq livell *prima facie* illi hekk kien il-kaz. Filwaqt illi l-provi dokumentali sottomessi mill-intimati juru mod iehor, lanqas ma jirrizulta illi r-rikorrent ha xi proceduri sabiex isostni l-posizzjoni tieghu.

Huwa ghalhekk illi l-Qorti tqis illi r-rikorrenti ma rnexxilux jipprova l-jedd tieghu, mqarr fuq livell *prima facie*. U in kwantu illi l-elementi huma komultattivi, allura mhux necessarju illi l-Qorti tqis u tikkunsidra l-element l-iehor.

**Ghaldaqstant**, ghal dawn il-motivi, wara li rat l-atti kollha relattivi, il-Qorti qed **taqta' u tiddeciedi**, billi:

a) **TICHAD** it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat kif dedott,

b) **TIRREVOKA CONTRARIO IMPERIO** d-digriet taghha tal-23 ta' Dicembru 2021 fejn il-mandat gie milqugh b'mod provvizorju,

**Bl-ispejjez** ta' din l-istanza jkunu a karigu tar-rikorrent.

Mogħti kameralment illum, **il-Gimgha, 21 ta' Jannar, 2022**.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**